# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.**

**Numru 22**

**Rikors numru 384/15/1 GM**

**Thomas Engelhardt kif rappreżentat mill-mandatarju tiegħu l-Avukat Dr. Jonathan Thompson**

**v.**

**Hyperion Aviation Limited (C 52923)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressaq l-attur fl-24 ta' April, 2015, li jaqra hekk:

> "1. Illi f'Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012), ir-rikorrenti gie ingaggat mil-kumpanija intimata sabiex l-istess rikorrenti, jokkupa il-kariga ta' persuna responsabbli ghall-*Crew Training*;
>
> 2. Illi il-kariga ta' persuna responsabbli ghall-*Crew Training* kienet wahda essenzjali ghall-operat tal-kumpanija intimata, tant illi

minghajra, hija ma setghatx topera fis-settur tal-avjazzjoni skont il-Ligi, *inter alia* ai termini tar-Regolament tal-Kummissjoni Ewropea Nru. 859/2008 ta' l-20 ta' Awwissu, 2008.

3. Illi kif jirrizulta mill-*Air Operator Certification* (AOC) mahrug mid-Direttorat tal-Avjazzjoni Civili tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE2,** ir-rikorrenti kien registrat bhala okkupant tal-kariga mal-istess awtorita`;

4. Illi fiz-zmien ikkoncernat li fih ir-rikorrenti zamm il-kariga de quo mal-kumpanija intimata, r-rikorrenti kien jithallas mil-kumpanija intimata wara li kien johrog u jipprovdi fatturi mensili lill-istess kumpanija intimata skont il-ftehim li kellhom;

5. Illi minkejja li l-kumpanija intimata hallset lir-rikorrenti ghal fatturi raprezentanti l-hlas dovut ghax-xhur ta' bejn Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) u Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012), illegalment, abbuzivament u minghajr ebda raguni valida fil-ligi, il-kumpanija intimata naqset milli thallas ammont ta' fatturi b'total kumplessiv ta' tlettax -il elf u hames mitt ewro (€13,500), rapprezentanti inkwantu ghall-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) ammont dovut skont il-fattura bin-numru 130102 datata 31 ta' Dicembru 2012 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE3,** inkwantu ghall-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) ammont dovut skont il-fattura bin-numru 130202 datata 31 ta' Jannar 2013 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE4,** inkwantu ghall-ammont ta' elf Euro (€1,000) ammont dovut skont il-fattura bin-numru 130302 datata 28 ta' Frar 2013 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE5,** inkwantu ghall-ammont ta' elf Euro (€1,000) ammont dovut skont il-fattura bin-numru 130402 datata 31 ta' Marzu, 2013 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE6,** inkwantu ghall-ammont ta' elf Euro (€1,000) ammont dovut skont il-fattura bin-numru 130502 datata 30 ta' April 2013 li kopja taghha qed tigihawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE7,** inkwantu ghall-ammont ta' elf Euro (€1,000) ammont dovut skont il-fattura bin-numru 130602 datata 31 ta' Mejju 2013 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE8,** inkwantu ghall-ammont ta' elf Euro (€1,000) ammont dovut skont il-fattura bin-numru 130702 datata 30 ta' Gunju 2013 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE9,** inkwantu ghall-ammont ta' elf Euro (€1,000) ammont dovut skont il-fattura bin-numru 130802 datata 31 ta' Lulju 2013 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE10,** inkwantu ghall-ammont ta' elf Euro (€1,000) ammont dovut skont il-fattura bin-numru 130902 datata 31 ta' Awwissu 2013 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE11**, inkwantu ghall-ammont ta' elf Euro (€1,000) ammont dovut skont il-fattura bin-numru 131002 datata 30 ta' Settembru 2013 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE12**, inkwantu ghall-ammont ta' elf Euro (€1,000) ammont dovut skont il-

fattura bin-numru 131101 datata 31 ta' Ottubru 2013 li kopja taghha qed tigi hawn annessa ummarkata bhala **Dok. TE13** u inkwantu ghall-ammont ta' hames mitt Euro (€500) ammont dovut skont il-fattura bin-numru 131201 datata 30 ta' Novembru 2013 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE14.**

6. Illi kif jirrizulta minn korrispondenza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. TE15,** il-kariga tar-rikorrenti giet terminata mill-kumpanija intimata fil-hmistax (15) ta' Novembru elfejn u tlettax (2013);

7. Illi nonostante diversi interpellazzjoni daparti tal-esponenti sabiex il-kumpanija intimata teffettwa l-hlas tal-fatturi sureferiti, inkluz permezz tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta pprezentata nhar is-16 ta' Ottubru 2014, il-kumpanija intimata, filwaqt illi kkontestat l-imsemmija ittra ufficjali, baqghat inadempjenti;

8. Illi fic-cirkostanzi ir-rikorrenti ma kellux ghazla ohra hlief li jintavola din il-kawza;

Ghaldaqstant, tghid il-kumpanija intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpanija intimata Hyperion Aviation Limited hija debitrici tar-rikorrenti Thomas Engelhardt fis-somma kumplessiva ta' tlettax -il elf u hames mitt Ewro (€13,500) rapprezentanti ammonti dovuti ai termini tal-fatturi sureferiti;

2. Tikkundanna lill-kumpanija intimata thallas lir-rikorrenti s-somma kumplessiva ta' tlettax -il elf u hames mitt ewro (€13,500) fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Ottubru 2014, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-kumpanija intimata, li minn issa hija ngunta in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta li in forza tagħha eċċepiet illi:

"1. Fl-ewwel lok u preliminarjament, it-talba ta' l-attur Thomas Engelhardt hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2147(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal din ir-raguni t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

2. Fit-tieni lok u minghajr predugizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-attur Thomas Engelhardt huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u s-socjeta'

> konvenuta Hyperion Aviation Limited mhijiex debitur ta' l-attur, dan kif okkorrendo ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza, u ghal dawn ir-raguijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;
>
> 3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba attrici hija esegerata, u dan kif ser jigi debitament ppruvat fil-mori tal-proceduri, u stante wkoll illi l-attur Thomas Engelhardt qieghed jitlob somma fissa u mhux ukoll li l-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas kwalunkwe somma verjuri li tirrizulta dovuta, t-talbiet attrici ghandhom ghal din ir-raguni jigu michuda;
>
> 4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2015, quddiem l-Ewwel Qorti s-soċjetà konvenuta rtirat it-tielet eċċezzjoni u ċioè, illi t-talba attriċi hija waħda esaġerata;

4. Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Novembru, 2021, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens illi:

> "1. Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta.
>
> 2. Tiċħad it-tieni eċċezzjonijiet;
>
> 3. Tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' tlettax-il elf u ħames mitt ewro (€13,500).
>
> 4. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Hyperion Aviation Limited tħallas lill-attur Thomas Engelhardt is-somma ta' €13,500.00.
>
> Bl-imgħax legali mit-18 ta' Mejju 2015, id-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat, sad-data tal-effettiv pagament; u bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta."

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**L-Azzjoni Attriċi**.

L-attur kien ġie ingaġġat mis-soċjeta' konvenuta bħala l-persuna responsabbli mill-*Crew Training,* servizz mogħti mis-soċjeta' konvenuta. Is-soċjeta' konvenuta irreġistrat isem l-attur mad-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta bħala l-persuna responsabbli mill-*Crew Training* u dan sabiex seta' jinħareġ mill-istess awtorita' l-"Air Operator Certification" (AOC).

Mensilment l-attur beda joħroġ il-fatturi lis-soċjeta' konvenuta għas-servizzi tiegħu.

Il-fatturi mensili bejn Mejju 2012 u Novembru 2012 tħallsu.

Il-fatturi minn Diċembru 2012 'il quddiem ma tħallsux sakemm is-soċjeta' konvenuta itterminat il-kariga tal-attur magħha b'effett mill-15 ta' Novembru 2013.

Għaldaqsant l-attur qed jitlob li jitħallas l-import tal-fatturi mensili minnu maħruġa għall-perijodu minn Diċembru 2012 sa; Novembru 2013.

Is-soċjeta' konvenuta qed tilqa' għat-talbiet attriċi billli:

1. Talbet fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha lill-Qorti tissolleva *ex officio* l-eċċezzjoni tal-inkompetenza *rationae valoris*; peress li tali eċċezzjoni ma resqitiex fir-risposta ġuramentata;

2. Eċċepiet il-preskrizzjoni ta' sena ai termini tal-Artikolu 2147 (c) tal-Kap.

3. Eċċepiet illi s-soċjeta' konvenuta ma hiex debitriċi tal-attur;

4. Eċċepiet mingħajr preġudizzju illi t-talba attriċi hija esaġerata stante li l-attur qed jitlob somma fissa u mhux somma verjuri;

**Kompetenza Rationae Valoris**.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjeta' konvenuta tistieden lill-Qorti tiddikjara l-inkompetenza *ratione valoris* in kwantu permezz tal-kawża odjerna l-attur qed jitlob li jiġi kanonizzat kreditur tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' tlettax-il elf ewro (€13,500). Jirriżulta mill-att promotur illi l-attur ma qed jitlob xejn aktar ħlief għall-imgħax u spejjeż,

Għalkemm huwa minnu li llum il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrata hija sa ħmistax-il elf ewro (€15,000); tali kompetenza ġiet miżjuda minn €11,646.87 għal €15,000 permezz tal-**Att IV tas-sena 2016** u ffirmat mill-President tar-Repubblika fit-18 ta' Jannar 2016, disa' xhur wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna.

**Artikolu 32** tal-imsemmi Att jistipula illi:

> "Kull qorti jew tribunal li kellhom il-kompetenza li jisimgħu u jiddeċiedu kawża qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsimav għandhom ikomplu jisimgħu u jiddeċiedu dawk il-kawżi li kienu bdew quddiem dik il-qorti jew dak it-tribunal qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima."

Il-kawża odjerna ġiet intavolata fl-24 ta' April 2015 meta l-komepetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet minn €11,646.87 'il fuq. Mhiex għalhekk fondata s-sottomissjoni tas-soċjeta' konvenuta illi l-Qorti għandha tissolleva *marte propria* l-eċċezzjoni tal-inkompetenza *rationae valoris*.

**L-Eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni**.

Is-soċjeta' konvenuta eċċepiet illi l-azzjoni attriċi hi preskritta ai termini tal-**artikolu 2147 (c) tal-Kap. 16** li jipprovdi illi:

> "L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena:
>
> [...]
>
> (ċ) l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata,għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu;"

L-attur jilqa' għal din l-eċċezzjoni billi jsostni illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta ġiet newtralizzata mill-istess soċjeta' konvenuta meta eċċepiet fl-istess ħin illi l-ammont reklamat huwa wieħed iċċessiv.

Permezz tat-**tielet eċċezzjoni** tagħha s-soċjeta konvenuta eċċepiet illi "... t-talba attriċi hija esegerata, u dan kif ser jigi debitament ppruvat fil-mori tal-proċeduri............"

Mill-atti jirriżulta illi fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta miżmuma fil-25 ta' Ġunju 2015, il-Qorti kienet iddifferiet il-kawża għall-5 ta' Novembru 2015 "... sabiex is-socjeta' konvenuta tirregola ruhha dwar il-kompatibilita' o meno tal-ewwel u t-tielet eċċezzjoni taghha."

Fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2015 imbagħad l-Avukat tas-soċjeta' konvenuta iddikjara "li qed jirtira t-tielet eccezzjoni u cioe' illi t-talba attriċi hija wahda esagerata".

Ikkonsidrat;

Huwa miżmum illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma hiex kompatibbli ma' eċċezzjoni li l-ammont reklamat huwa esaġerat stante illi l-eċċezzjoni li l-ammont reklamat huwa wieħed eċċessiv qegħda tpoġġi bħala difiża illi hemm ammont dovut iżda inferjuri għal dak reklamat mill-attur.

Bl-eċċezzjoni li l-ammont reklamat huwa esaġerat il-konvenut ikun qiegħed fl-istess ħin jirrikonoxxi illi huwa debitur tal-attur f'ammont inferjuri għal dak reklamat bil-konsegwenza illi jkun qed jinterrompi t-terminu preskrittiv ai termini tal-**Artikolu 2133 tal-Kap. 16** li jipprovdi illi "Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."

Ma hu xejn ta' siewi lill-konvenut billi fl-istess eċċezzjoni jgħid li qed iressaq tali eċċezzjoni bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra. Eċċezzjoni formali jew hi mogħtija jew ma hiex mogħtija. Ma tistax tingħata l-eċċezzjoni li l-ammont mitlub huwa esaġerat u fl-istess hin il-Qorti tintalab tinjoraha sakemm ma tiddeċiedi eċċezzjonijiet oħra.

Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Victor Galea noe. vs. Nazzareno Vassallo et. noe**. mogħtija fil-5 ta' Ottubru 1998:

> "Ġie ritenut illi fejn id-debitur ma jiċħadx id-dejn imma sempliċement jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qiegħed jinterrompi u taċitament jirrinunzja għall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri."

Issir ukoll referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Frar 2005 fl-ismijiet **"Austin Psaila vs Lother Slobick"**:

> "Jinsab preċizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil ġurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt għall-fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiżiti tal-volontarjeta', tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivoċita', dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiżiti dawn li hu neċessarju li jikkoeżistu flimkien fl-istess att;"

Huwa inutili għall-konvenut li fil-mori tal-kawża jirtira l-eċċezzjoni li l-ammont reklamat huwa esaġerat għaliex una volta interrott it-terminu tal-preskrizzjoni jerġa jibda jiddekorri mill-ġdid. L-interruzzjoni, ladarba s-seħħ ma tistax tiġi irtirata. Ir-rinunzja tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tinnewtralizzax l-effetti tal-interruzzjoni ġia avverata.

Konsegwentement l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qed tiġi respinta bħala mhux fondata tenut kont li t-terminu tal-preskrizzjoni reġa beda jiddekorri mill-ġdid b'effett mill-25 ta' Marzu 2019, id-data li fiha ġiet ippreżentata mill-konvenut ir-risposta ġuramentata li tinkludi l-eċċezzjoni li l-ammont reklamat huwa wieħed esaġerat.

**Ħlas Reklamat mill-Attur**.

Jirriżulta illi Eric Weisskopf, direttur u manager tas-soċjeta' konvenuta u l-attur kellhom relazzjoni professjonali twila li tmur lura s-snin f'kumpanija oħra fis-setturt tal-avjazzjoni. Meta ġiet inkorporata s-soċjeta' konvenuta wieħed mill-ajruplani li ġie trsaferit taħt il-kontroll tas-soċjeta' konvenuta bl-ekwipaġġ b'kollox kien dak fejn l-attur kien wieħed mill-membri tal-ekwipaġġ bħala bdot u għalhekk beda jaħdem bħala bdot mas-soċjeta' konvenjuta.

F'xi żmien l-attur kien ingħata mis-soċjeta' konvenuta l-kariga ta' "***Nominated Person Crew Training***"; kariga meħtieġa mir-Regolamenti Ewropey li jirrigwardaw l-operazzjonijiet bl-ajru.

**Clint Taliana, Senior Inspecting Officer mas-Civil Aviation Directorate ta' Malta** xhed li mid-dokumentazzjoni li tinstab għand l-awtorita', l-attur kien "nominated post holder crew training" mas-soċjeta' konvenuta.

Eżebixxa applikazzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta sabiex tkun tista' topera f'RVSM, MNPS u RNP-10 l-ajruplani tagħha.

Il-kariga li kellu l-attur mas-soċjeta' konvenuta hija reġistrata fuq l-**Air Operator Certificate ("AOC")** li huwa rilaxxjat mid-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili f'Malta. Mingħajr tali ċertifikat is-soċjeta' konvenuta ma tkunx tista' topera fil-qasam tal-avjazzjoni.

F'din il-kariga l-attur ma kienx impjegat tas-soċjeta' konvenuta iżda kien jipresta l-esperjenza tiegħu fil-qasam tal-avjazzjoni bħala *self-employed* sabiex is-soċjeta' konvenuta jkollha mal-awtorita' kompetenti Maltija persuna reġistrata bħala "**Postholder Crew Training**" responsabbli għat-taħriġ tal-piloti. Dan huwa s-servizz li l-attur kien qed jipprovdi lis-soċjeta' konvenuta.

Skond ix-xhud Clint Taliana l-attur dam reġistrat bħala postholder mal-Awtorita' mit-23 ta' Novembru 2012 sal-15 ta' Novembru 2013; għalkemm l-attur jikkontendi li huwa kien ilu f'din il-kariga mas-soċjeta' konvenuta sa minn Mejju 2012.

Il-kuntrast bejn il-partijiet huwa fi ftit kliem is-segwenti.

Mhux kontestat li s-soċjeta' konvenuta irreġistrat lill-attur mal-awtorita' kompetenti bħala "Postholder Crew Training"; iżda ssostni li l-attur ma qeghdiex l-obbligi tiegħu.

Is-soċjeta' konvenuta tippretendi illi ma tħallasx lill-attur għall-perijodu in kwistjoni jew li tħallsu ammont inferjuri għal dak minnu pretiż għaliex tqis illi l-kariga ta' *Nominated Person Crew Training* kienet iġġor aktar

doveri minn sempliċement li wieħed ikollu ismu reġistrat mal-awtorita' kompetenti.

Ikkonsidrat;

Il-Qorti ma tqisx bħala fondata id-difiża tas-soċjeta' konvenuta illi m'għandiex tħallas tal-fatturi maħruġa mill-attur fuq il-pretest li ma kienx qed jaqdi d-doveri tiegħu. Kieku minnu dak allegat mis-soċjeta' konvenuta, lanqas ħaġa li setgħat tagħmel kien li tittermina ir-relazzjoni li kellha mal-attur u tneħħi ismu minn fuq ir-reġistru mal-awtorita' kompetenti.

L-attur dam ix-xhur jibgħat il-fatturi kull xahar u fuq kull fatturi kien iniżżel il-kliem "Postholder Training" – "monthly rate". F'Diċembru 2012 u Jannar 2013 bgħat fatturi ta' €2,000-il waħda. Bejn Frar 2013 u Ottubru 2013 bgħat mensilment fatturi ta' €1,000-il waħda, u f'Novembru 2013, ix-xahar li fih ġie mneħħi mis-soċjeta' konvenuta bħala "Postholder Crew Training", fattura ta' €500.

Il-partijiet għażlu li jistabbilixxu tali relazzjoni kontrattwali bil-fomm. Dan qed jingħad peress li ma jirriżultax mill-atti illi għal dan l-inkarigu sar xi ftehim in iskritt. Dan in-nuqqas ta' kuntratt in iskritt huwa indikazzjoni li l-ftehim ta' bejn il-partijiet kien aktarx wieħed informali fejn is-servizz li s-soċjeta' konvenuta kellha bżonn mingħand l-attur fir-rigward kien li jipresta ismu, naturalment abbinat miegħu l-esperjenza u l-kwalifiki tiegħu, sabiex is-soċjeta' konvenuta jkollha tali kariga reġistrata mal-awtorita' kompetenti u b'hekk tkun tista' topera fil-qasam tal-avjazzjoni.

Fattur li jimmilita kontra s-soċjeta' konvenuta huwa l-fatt li l-attur kien jibgħat il-fatturi lis-soċjeta' konvenuta kull xahar u s-soċjeta' ma tieħu l-ebda passi fir-rigward filwaqt li anke ħallset uħud minnhom. Imkien ma jirriżulta illi dawn il-fatturi ġew kontestati qabel Novembru 2013, id-data tal-aħħar fattura meta s-soċjeta' attriċi iddeċidiet li tittermina r-relazzjoni li kellha mal-attur. Lanqas jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta ħallset parti minnhom jekk tqis li ma kienx intitolat għall-ħlas jew għall-ħlas kollu minnu reklamat.

Fl-isfond ta' arranġament daqstant informali, il-fatt li s-soċjeta' konvenuta ma tterminatx l-inkarigu tal-attur nonostante li kien ta' kull xahar qed joħroġ fatturi mhux kontestati, isegwi illi kellu raġun l-attur jippretendi illi għandu jitħallas ta' dawk il-fatturi. Fl-assenza ta' kuntratt formali, il-ħruġ tal-fatturi da parti tal-attur jieħdu importanza kardinali.

Gialadarba l-inkarigu tal-attur ma ġiex terminat nonostante li kien qed jibgħat fatturi kull xahar, isegwi illi s-soċjeta' konvenuta kienet qegħda taċitament taċċetta dawk il-fatturi.

> Is-soċjeta' konvenuta stess issottomettiet illi is-servizz tal-attur konsistenti fil-prestazzjoni ta' ismu bħala Postholder Training ma kienx indispensabbli għaliha. Dan l-argument fil-fatt jimmilita kontra t-teżi tas-soċjeta' konvenuta u mhux favuriha. Dan għaliex isaħħaħ il-konvinzjoni illi effettivament is-soċjeta' konvenuta minn jeddha, u mhux għax kostretta, riedet is-servizz tal-attur u bl-inerzia tagħha fir-rigward tal-fatturi mensili maħruġa mill-attur taċitament aċċettathom.
>
> Għalkemm is-soċjeta' konvenuta irtirat it-tielet eċċezzjoni li l-ammont reklamat huwa esaġerat; il-Qorti, filwaqt li mhux ser tiddeċidiha in kwantu ġiet irtirata, hi tal-fehma illi fl-industrija tal-avjazzjoni fejn ir-responsabbiltajiet huma notevoli, il-Qorti ma tqisx illi l-ammonti reklamati mill-attur ma humiex ammonti raġjonevoli."

6. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjetà konvenuta li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti jogħġobha:

> "tilqa' dan l-appell billi **tirrevoka, tħassar u tannulla** is-sentenza in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Hyperion Aviation Limited u konsegwentement, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta appellant tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat."

7. Rat ir-risposta tal-attur li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti jogħġobha:

> "… tiċħad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-intjier tagħha.
>
> In vista tan-natura frivola u vessatorja ta' dan l-appell, dina l-Onorabbli Qorti għandha tikkundanna lis-soċjetà appellanti tħallas id-doppje spese bl-applikazzjoni tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.
>
> Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellanti."

8. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri

bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza.

9. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

10. Illi f'din il-kawża l-attur qed jitlob ħlas għas-servizzi li rrenda lis-soċjetà konvenuta bħala l-persuna responsabbli mit-taħriġ tal-ekwipaġġ. Il-ħlasijiet dovuti għax-xhur ta' bejn Mejju 2012 u Novembru tal-istess sena tħallsu regolarment, iżda l-attur qed jallega li ma sarx il-ħlas għat-tnax-il xahar sussegwenti sakemm il-kuntratt tiegħu ġie terminat f'Novembru, 2013. Is-soċjetà konvenuta taqbel ma' dawn il-fatti, però, tgħid li l-ħlas ma sarx peress li l-attur ma wettaqx ix-xogħol li kien mistenni minnu.

11. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-attur wara li osservat illi, anke jekk l-attur ma wettaqx xogħlu kif imiss, xorta waħda s-soċjetà konvenuta żammitu reġistrat magħha u mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u allura trid tħallsu l-ammont mitlub li ma qisitux esaġerat.

12. Is-soċjetà konvenuta appellat mis-sentenza u qed tinsisti filwaqt li hu veru li *omnis labor optat premium*, jekk xogħol ma jkunx sar, ebda ħlas ma jkun dovut, jew tal-inqas jitħallas *quantum meruit*.

13. Mill-provi din il-Qorti tara li s-soċjetà konvenuta għandha raġun, almenu f'parti. Bejn il-partijiet ma kienx hemm ftehim bil-miktub, u l-attur ġie nkarigat u reġistrat mal-Awtorità kompetenti bħala "*Postholder Crew Training Officer*" kif meħtieg mir-regolamenti Ewropej u dawk ta' Malta. Ma kienx hemm terminu fiss fil-kuntratt, u l-attur kien joħroġ *invoice* kull xahar u, fil-bidu, kien jitħallas dak li hu jitlob. L-attur ma kienx impjegat tas-soċjetà konvenuta iżda kien *self-employed* u jitħallas għas-servizzi minnu rezi.

14. Wara xi xhur, l-attur ma baqax jippresta servizzi, tant li s-soċjetà konvenuta kellha xi nkwiet mal-Awtorità kompetenti għax xi piloti kien ikollhom il-liċenzja skaduta. Kien dmir tal-attur li jagħmel it-taħriġ meħtieġ u eżami lill-piloti fi tmiem il-kors. Dan ma baqax isir b'mod regolari kif kien hemm bżonn. Is-soċjetà konvenuta lmentat dwar dan mal-attur, però s-sitwazzjoni ma tbiddlitx sakemm fl-aħħar is-soċjetà konvenuta neħħiet isem l-attur mir-reġistru. Il-fatt li s-soċjetà konvenuta għamlet sena b'ismu fuq ir-reġistru, ma jneħħix il-fatt li l-attur ma kienx wettaq ix-xogħol mistenni minnu. L-attur impliċitament, ammetta li ma kienx qed ikun rigoruż fix-xogħol tiegħu, tant li meta rċieva l-*email* datata l-15 ta' Ottubru

2013, b'diversi lmenti mis-soċjetà konvenuta, huwa wieġeb fit-28 ta' Ottubru, 2013, u qal "*That does not change the fact that my name and qualification was used for our company, so I expect my bills to be paid in full. (which we contested since long).*"

Dan juri li l-attur kien qed jaħseb li, wara kollox, kien ismu li kien importanti għas-soċjetà konvenuta. Dan hu minnu, però kellu xogħol xi jwettaq assoċjat mad-deskrizzjoni li ngħata mal-Awtorità, u dan jirriżulta li ma twettaqx kollu.

15. Meta tkun ċirkostanza bħal din, il-Qorti għandha diskrezzjoni tnaqqas mis-somma mitluba biex tqis dak li seħħ u x-xogħol twettaq fil-fatt. F'dan il-każ, il-ħlas mitlub kien ivarja minn xahar għall-ieħor, però lejn l-aħħar jidher li kienet tintalab is-somma ta' €1,000 kull xahar. Meqjus il-fatt li isem l-attur kien importanti u bżonnjuż għas-soċjetà konvenuta, tara li ħlas ta' €600 fix-xahar huwa biżżejjed u ġust fiċ-ċirkostanzi. B'hekk, tara li l-kumpens għandu jkun ta' €7,200 (€600 fuq żmien ta' tnax-il xahar). Ix-xhieda ta' Luca Bianda, veru mpjegat tas-soċjetà konvenuta, hija ċara u ndikattiva tax-xogħol li kellu jwettaq l-attur iżda li traskura; jirriżulta li ma kienx qed jieħu d-doveri tiegħu bis-serjetà, tant li dan ix-xhud "*took over practically the whole training*".

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-soċjetà konvenuta Hyperion Aviation Limited billi tilqa' l-istess f'parti u tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti fis-sens li tikkonfermaha ħlief li l-kumpens m'għandux ikun ta' tlettax-il elf u ħames mitt ewro (€13,500) kif minnha stabbilit, iżda sebat elef u mitejn ewro (**€7,200**) kif qed jiġi determinat minn din il-Qorti.

L-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk tal-ewwel istanza, jitħallsu bin-nofs kull wieħed bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr